MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 920/2012

**Francis E. Sullivan Company Limited (C-353)**

**vs**

**M/V CGM Tiger, IMO nru. 8705955, registrat taht il-bandiera tal-Panama**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Francis E. Sullivan Company Limited li, permezz ta' rikors guramentat ta' Alexander Sullivan, wara li ppremettiet:

1. illi l-bastiment M/V CGM ilu Malta ghal dawn l-ahhar sitt xhur, ghal tiswijiet li qeghdin isiru fuqu mis-socjeta` Palumbo Malta Shipyard Limited;

2. illi matul dan il-perjodu s-socjeta` rikorrenti tat diversi provisti u provizjonijiet lill-ekwipagg ta' l-istess

bastiment, kif ukoll inkorriet spejjez ghal zamma fi stat tajjeb tal-bastiment;

3. illi l-provisti, il-provizjonijiet u l-ispejjez huma ndikati f’diversi fatturi, hawnhekk annessi u mmarkati bhala Dok FES 1 sa FES 11, liema fatturi ukoll huma elenkati f’ ‘statement’, hawnhekk mmarkat u anness bhala Dok FES 12;

4. illi dawn il-fatturi, kif jixhed l-imsemmi ‘statement’, jammontaw ghal total ta’ ghoxrin elf, sitt mija u tmienja u sebghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€20,678.85);

5. illi l-imsemmijin provisti u provizjonijiet, kif ukoll l-ispejjez inkorsi mis-socjeta` rikorrenti jaqghu fil-parametri ta’ l-Artikolu 50 (g) tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti ghandha privilegg specjali fuq il-bastiment intimat ai termini ta’ l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

6. illi ghalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa ma thallasx mill-bastiment konvenut u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

7. illi fl-umli fehma tas-socjeta` rikorrenti, il-bastiment konvenut ma ghandux eccezzjonijiet validi x’jaghti ghat-talbiet attrici.

Talbet l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Taqta’ il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara illi l-bastiment M/V CGM Tiger huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti Francis E. Sullivan Company Limited ghas-somma ta’ ghoxrin elf, sitt mija u tmienja u sebghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€20,678.85) ghal provisti u provizjonijiet ghal ekwipagg u spejjez maghmula ghaz-zamma fi stat tajjeb tal-bastiment u dan

ai termini ta’ l-Artikolu 50(g) tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Tikkundanna lill-bastiment konvenut M/V CGM Tiger sabiex ihallas lis-socjeta` rikorrenti Francis E. Sullivan Company Limited is-somma ta’ ghoxrin elf, sitt mija u tmienja u sebghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€20,678.85) ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati.

Rat li ghalkemm debitament notifikat il-bastiment intimat ma pprezenta ebda twegiba u lanqas kien rapprezentat fl-udjenza.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti kollha.

Semghet lix-xhud viva voce.

Rat li l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi s-socjeta` rikorrenti rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi illi hija tassew kreditrici tal-bastiment M/V CGM Tiger fl-ammont mitlub.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-bastiment intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------